BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 02/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar 2012 fit-8.30am**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | - |

***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 01/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u B.Pace issekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -2***

Minħabba li ma kienx hemm korrispondenza x'tiġi diskussa l-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-aġenda li jmiss.

***AĠENDA -3***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra r-Rapport Finanzjarju li jkopri l-aħħar kwart tas-sena 2011 – Ottubru sa Diċembru u l-*Financial Statements* għas-sena 2011. Dawn id-dokumenti tqassmu minn qabel. Wara diskussjoni u spjegazzjoni mis-Segretarju Eżk. dawn ġew unanimament approvati mill-Kamra.

***AĠENDA -4***

Is-Segretarju Eżk. ippreżentat quddiem il-Kamra il-Budget 2012 li ġie diskuss fil-Laqgħa Pubblika li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2012. Il-Kamra unanimament approvat dan id-dokument.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Frar 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €30067.53 titħallas skont Skeda Nru. 02/12.

***AĠENDA -6***

1. Is-Segretarju Eżk. ippreżentat fuq il-mejda tal-Kamra l-Pjan ta' Ħidma 2012-2014. Il-Kamra unanimament approvat dan ir-rapport. J.Borg ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li dan ir-rapport għandu jingħata wkoll lill-membri ġodda tal-Kunsill li ser ikunu eletti għal-leġislatura li jmiss sabiex kulħadd jiffoka fuq pjan wieħed. Kulħadd qabel.

2. T.Roberts ressaq fuq il-mejda tal-Kamra stima ta' €3541.01 għal tlett arbli tad-dawl fi Triq F.M.Ferretti. Il-Kamra qieset is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali u unanimament qablet li din l-istima għandha terġa' titressaq quddiem il-Kunsill aktar tard fis-sena sabiex terġa' tiġi evalwata fis-sitwazzjoni finanzjarja ta' dak iż-żmien. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm bżonn ta' bozza ma' arblu eżistenti fi Triq Wied il-Qoton ħdejn il-*gunpost.* Ukoll J.Baldacchino rrimarka li hemm bżonn id-dawl in-naħa tal-Brolli mill-kwartieri tas-St. John Ambulance 'l fuq.

3. S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li tpoġġiet dgħajsa fi Triq Tal-Papa kantuniera ma' Triq Tal-Ġebel li qed tkun ta' periklu għas-sewwieqa.

4. J.Borg irringrazzja l-Kunsilliera sħabu tal-ħames snin ħidma. Kellu ċ-ċans jaħdem fuq proġetti ma' B.Pace u ħadem kemm felaħ sabiex jgħaqqad lill-Għaqdiet Lokali taħt kappa waħda u dan jidher li ser iseħħ, għaliex il-Ħadd, 12 ta' Frar 2012 ġie ffinalizzat l-istatut tal-Federazzjoni tal-Għaqdiet u nħatar il-kumitat. Ukoll saħaq li ż-żgħażagħ fi ħdan il-Kunsill Lokali għandhom jingħataw widen kif ingħata hu.

5. Is-Sindku għalaq is-Seduta billi rringrazzja lill-Kunsilliera u lis-Segretarjat tal-ħames snin ħidma sabiex naraw lokalita' aħjar. Għalkemm ġieli kien hemm argumenti, il-Kunsill dejjem laħaq ftehim għall-ġid tar-residenti kollha, huma min huma. J'Alla l-Kunsill ta' warajna jibqa' magħqud għall-ġid tal-lokal. Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'tifkira żgħira ta' din il-leġislatura.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fl-9.45am. Seduta oħra sabiex jiġu approvati dawn il-minuti ser issir nhar il-Ħamis, 8 ta' Marzu 2012.
.

.

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **.............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |